# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.D.

Appell Nru: 68/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

**Deborah Farrugia**

Seduta tal-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Deborah Farrugia detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 346284M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' April 2011 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug

mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni l-istess droga u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-

ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni l-istess droga u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Xjentement issoprimiet jew b'xi mod iehor qerdet jew biddlet it-tracci jew l-indizzji ta' reat ai termini tal-Artikolu 111(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` kontra PS 1220 C. Baldacchino, PC 777 C. Ebejer u WPC 237 A. Vella, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Ingurjat jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuni ta' PS 1220 C. Baldacchino, PC 777 C. Ebejer u WPC 237 A. Vella, persuni

inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha minn PS 1220 C. Baldacchino, PC 777 C. Ebejer u WPC 237 A. Vella, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliethomx jew fixklithom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Kisret volontarjament il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputata Deborah Farrugia:

i. Talli kisret il-kundizzjoni ta' sentenza datata 6 ta' Marzu 2009 moghtija mill-Magistrat Dr. L. Quintano fejn giet liberata ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' ghoxrin xahar, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

ii. Talli hija recidiva b'sentenza datata 28 ta' Frar 2007 moghtija mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. fejn giet ikkundannata 27 xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf liri Maltin, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

iii. Barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata Deborah Farrugia thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-

hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Frar, 2015, li biha sabet lill-appellanta, allura imputata, mhux hatja tad-disa' u l-ghaxar imputazzjoni (immarkata din l-ahhar imputazzjoni bin-numru (i) fic-citazzjoni odjerna) u illiberatha minnhom, izda sabitha hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', it-tminn u l-hdax imputazzjoni (din tal-ahhar immarkata bhala imputazzjoni bin-numru (ii) fic-citazzjoni odjerna) u kkundannatha ghal piena ta' tnax-il (12) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hatja inzammet taht arrest preventiv in konnessjoni biss ma' dan il-kaz – u multa ta' elf Euro (€1,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc ikun dovut minnufih u jkun konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti ikkundannat lill-appellanta thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-mori ta' dawn il-proceduri u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn u tlettax-il Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€213.29) u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza;

Ordnat id-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti bhala Dokumenti DT3 u DT4, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Deborah Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

1. **Tikkonfermaha** in kwantu giet dikjarata mhux hatja tad-disa' u l-ghaxar imputazzjoni (immarkata din l-ahhar imputazzjoni bin-numru (i) fic-citazzjoni) u li minnhom kienet illiberata; u

2. **tikkonfermaha** in kwantu l-appellanta kienet dikjarata hatja tal-ewwel, it-tieni, it- tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tmien u l-hdax imputazzjoni (din tal-ahhar immarkata bhala imputazzjoni bin-numru (ii) fic-citazzjoni); u

3. **thassarha** f'dik il-parti fejn l-appellanta kienet dikjarata hatja tal-hames imputazzjoni u tghaddi sabiex tiddikjaraha mhux hatja tal-hames imputazzjoni; u

4. **thassarha** f'dik il-parti fejn ma kienx applikat il-proviso tal-artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta Malta fil-konfront tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minflok tghaddi sabiex tapplikah hija stess; u

5. **tirriforma** l-piena skont il-ligi billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern skont il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensur tal-appellanti u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghas-sejbien ta' htija kwantu l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjoni. L-aggravju dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, dawk dwar traffikar tad-droga eroina u d-droga kokaina, huwa ta' apprezzament zbaljat tal-provi filwaqt illi ghar-rigward tal-hames imputazzjoni, l-appellant jargumenta li kien hemm interpretazzjoni zbaljata tal-ligi mill-ewwel Qorti;
2. Issa, ghalkemm l-appellanta targumenta illi ma kellhiex tinsab hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, hija titlob ir-riforma tas-sentenza appellata bil-**konferma** ta' sejbien ta' htija kwantu, *inter alia,* l-ewwel u t-tieni imputazzjoni. Ezaminat fid-dettall ir-rikors tal-appell kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-appellanta, t-talba taghha hija arginata b'mod illi qieghda titlob ghal-konferma ta' sejbien ta' htija kwantu li traffikat id-droga b'dan pero' illi c-cirkostanzi tal-kaz jimmeritaw li jkun applikat is-subartikolu (9) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 li jaghti d-diskrezzjoni lill-Qorti meta t-traffikar jitqies li jkun "*sharing*";
3. Il-ligi taghna ma tiddistingwix bejn tip ta' trafikkar u iehor u ghalhekk ma jista' qatt ikun hemm, almenu kif inhi l-ligi llum, imputazzjoni jew akkuza ta' "*trafficking*" by sharing. Il-ligi tiddistingwi biss bejn traffikar u pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-hati. Hemm, izda distinzjoni fil-piena fil-kwistjoni ta' traffikar. Bhala regola, meta l-persuna imputata tinsab hatja ta' traffikar, l-Qorti ma tistax tapplika l-artikolu 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u wisq anqas id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar il-Probation. Meta, izda, l-Qorti tkun konvinta li t-traffikar kien jikkonsisti f' "*sharing*" kif definit fis-subartikolu 22(9), allura ma tkunx aktar prekluza

milli tapplika d-disposizzjonijiet appena mesmmija u naturalment tkun tista' teroga piena aktar miti u idonea ghal-kaz;

4. Fil-kwistjoni hawn devoluta, l-appellanta targumenta illi f'dak iz-zmien kienet, u ghadha anke llum, f'relazzjoni intima mal-*partner* taghha. Huma t-tnejn afflitti mill-probema tad-droga u t-tnejn li huma jixtru sabiex jikkunsmaw flimkien u minn but wiehed. Fid-data msemmija fl-imputazzjoni, fil-fatt, kienu intercettati fil-kamra tas-sodda taghhom wara li kienu ilhom jikkunsmaw id-droga l-lejl kollu. L-ammonti ta' droga hemm misjuba huma sintomatici ma' pussess semplici u instab ukoll mizien li l-appellanta ggustifikat bhala li tuza sabiex tkun certa dwar l-ammont mibjugh lilha u dwar id-doza li jkunu ser jikkunsmaw. Ma tressqet l-ebda prova li l-appellanta kienet tforni jew tipprokura droga lil terzi u mill-atti jirrizulta li bhala koppja lanqas jiehdu droga ma' haddiehor jew f'postijiet ohra ghajr fid-dar taghhom;

5. L-ilment tal-appellanti huwa li l-ewwel Qorti skartat dawn il-fatti meta kienu indispensabbli ghaliha biex tibbenefika mid-dispost tal-*proviso* tal-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101. Fl-ewwel lok, tajjeb li jinghad illi l-artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101 jipprovdi illi meta persuna tinsab hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) f'*inter alia* **bejgh jew trafikkar** ta' droga tehel prigunerija ghal zmien mhux anqas minn sitt xhur izda mhux aktar minn ghaxar snin u multa bil-minimu u massimu hemm preskritti. Is-subartikolu (9) tal-artikolu 22, izda, jipprovdi hekk:

> (9) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif emsemmi fis-subartikolu (2)(*a*)(i) jew fis-subartikolu 2(*b*)(i):
>
> Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-

Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax iod-disposizzjonijiet t'a dan is-subartikolu;

Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jigi minnufih qabel dan.

6. Huwa ghalhekk illi l-appellanta tqis illi l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment kien indispensabbli ghaliha. Issa, ghalkemm l-appellanta kellha kull dritt tillanqa s-sejbien ta' htija dwar traffikar, hija ghazlet illi tissokkombi ghad-decizjoni ta' sejbien ta' htija in rigward purche' ikun applikat fil-konfront taghha l-*proviso* tal-artikolu 22(9) u ghazlet, minflok, illi ma tattakkax l-istess sejbien ta' htija fuq il-premessa illi dawk il-fatti ma jaghtux lok ghar-reat ta' traffikar izda ta' pussess. Minkejja ukoll illi l-gurisprudenza tiddemostra illi kawzi b'fatti konsimili kienu lanjati b'sucess ghall-appellanti, din il-Qorti hija mitluba biss biex tikkonferma s-sejbien ta' hitja kwantu t-traffikar ta' droga u ghalhekk ma tistax tmur oltre; (ara in rigward fejn ko-akkwist bejn koppji f'relazzjoni intima jista' jitqies bhala pussess semplici, s'intendi dejjem dipendenti fuq l-ammont u cirkostanzi ohra, is-sentenzi (1) Pul vs Ryan Galea, Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Novembru, 1999, (2) Pulizija vs Claire Farrugia, Appell Kriminali deciz fis-17 ta' Mazu, 2005, u dik l-aktar ricenti Il-Pulizija vs Richard Alistair Cranston, Appell Kriminali deciz fil-21 ta' Gunju, 2017).

7. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-appellanti ghandha ragun. Il-fattispeci tal-kaz jissodisfaw il-parametri tal-proviso tas-subartikolu 22(9) la darba d-droga kienet inxtrat minn koppja bi flus taghhom komuni, kienet ikkunsmata fl-istess post bejniethom u bejniethom biss u tenut kont tal-ammont ta' droga misjub. L-aggravju kwantu din l-ewwel u t-tieni imputazzjoni ghalhekk ser ikun akkolt;

8. It-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar il-hames imputazzjoni, dik ravvizata fl-artikolu 111(2) tal-Kodici Kriminali dwar kull min jissoprimi, jew b'xi mod iehor jeqred jew ibiddel it-tracci jew l-indizzji ta' reat. L-appellanti targumenta

illi qatt ma setghet tkun imputata b'dan il-fatt la darba hija imputata bir-reat principali u in sostenn ta' dan ccitat l-insenjament tal-Professur Mamo;

9. F'Notes on Criminal Law – Revised Edition 1954-1955, pp 78-80, il-Professur Mamo jirritjeni illi : "*The subject of this offence can, according to the said Sec. 110 of our Code,* [illum 111 tal-Kap 9] *be "Whosoever", that is any person but according to the best accepted authorities this generalisation does not include the parties themselves to the principal offence. In other words, if a person who has himself committed an offence, suppresses or destroys the traces or evidence thereof he would not be guilty of this further offence: his action in any such case would but be a continuation of his principal offence (v. Carrara "Opuscoli di Diritto Penale" Vol. VIII, p.48 & 49; Impallomeni op. Cit Vol II 283)*;

10. Fis-sentenza ricenti ta' din il-Qorti, diversament preseduta per Onor Imhallef Edwina Grima fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gordon Pickard tat-30 ta' Novembru, 2016, l-Qorti trattat fid-dettall l-origini tal-artikolu 111(2) tal-Kodici Kriminali liema artikolu kien mudellat fuq il-Codice Zanardelli tal-1889. F'dik il-kawza, izda, l-appellant kien rinfaccjat bl-imputazzjoni singolari ipotizzata f'dan l-artikolu u dan ghad-differenza tal-kwistjoni odjerna fejn l-appellant kien imputat b'xejn anqas minn hdax-il imputazzjoni. Il-kwistjoni li dwarha hi mehtiega rizoluzzjoni f'dan il-kaz hi ghalhekk jekk dan ir-reat setax ikun migjub kontra l-appellant la darba gia kien imputat bir-reat principali;

11. Kif jemergi mill-provi, meta l-appellanta kienet intercettata fil-kamra tas-sodda taghha kienet offriet rezistenza ghall-arrest u waqt id-diverbju u r-rezistenza hija tat daqqa ta' sieq lis-saqqu peress illi kien hemm xi trab fuq il-lizar li l-Pulizija ssuspettaw li kien droga. Dak it-trab spicca infirex u qatt ma kien rekuperat. Issa l-appellanti tressqet sabiex twiegeb, fost ohrajn, ghall-imputazzjoni ta' traffikar u pussess ta' droga. Kwantu il-pussess, dan kien jirrigwarda l-ammonti misjuba u ghalhekk il-

prosekuzzjoni ma akkludietx imputazzjonijiet dwar it-trab li infirex bid-daqqa li tat l-appellanti, ghaliex it-tracci ta' dak il-potenzjali reat kienu inqerdu. Dan seta kien ammont tal-istess droga u seta kien droga ta' tip differenti izda dan jibqa mhux mgharuf la darba l-prosekuzzjoni ma inkludietx imputazzjoni dwarha. Isegwi ghalhekk illi meta kontra l-appellanti inharget il-hames imputazzjoni, dik ravvizata fl-artikolu 111(2), ma kienitx fl-istess waqt imputata bir-reat li ipotetikament nehhiet jew qerdet it-tracci dwaru. Li kieku l-hames imputazzjoni kienet tirreferi ghall-imputazzjonijiet 1 sa 4, traffikar u pussess ta' droga, kienet allura tkun meritata d-diskussjoni kif imqanqla fir-rikors tal-appell, li izda ma huwiex il-kaz;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju qed ikun michud;

13. L-appellanti thossha ukoll aggravata bil-piena erogata mill-ewwel Qorti bl-argument illi kienet wahda harxa wisq u li jekk akkolt l-appell taghha, allura jkun jimmerita bdil in rigward. Stante illi l-ewwel aggravju tal-appellanti kien akkolt din il-Qorti sejra tikkalibra l-piena mil-gdid u ghalhekk, anke jekk mhux ghal-ewwel raguni mressqa mill-appellanti, dan l-aggravju huwa ukoll akkolt;

14. L-appellanti kienet misjuba hatja tal-addebitu tar-recidiva skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Bis-sentenza ta' 27 xahar prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta' Frar, 2007, din il-Qorti hija prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali (ex subinciz (7) tal-artikolu 28A) la darba l-appellanta hija recidiva bl-artikolu 50 tal-istess Kodici. Din il-Qorti ma tarax li l-Att dwar il-Probation ghandu jkun adoperat fil-konfront tal-appellanta la darba l-applikazzjoni ta' dan l-att ma jidhirx li halla xi effett pozittiv fuqha. L-unika triq li fadal sabiex l-appellanta forsi tgharaf tibda tfittex li tibdel hajjitha hu li din il-Qorti tinzel taht il-minimu prevvist mill-ligi la darba huwa applikabbli fil-konfront taghha il-proviso tas-subartikolu (9) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101;

15. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

Tikkonfermaha f'dik il-parti li biha kienet misjuba mhux hatja u illiberata kwantu id-disa u l-ghaxar imputazzjoni (din tal-ahhar mmarkata (i) fic-citazzjoni);

Tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt, it-tmien u l-hdax-il imputazzjoni (din tal-ahhar mmarkata bhala (ii) fic-citazzjoni);

Thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanta ghal-terminu ta' prigunerija ta' tnax-il xahar kif ukoll ghall-multa ta' €1,000 u minflok, stante li jezistu ragunijiet skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, konsisteni filli t-traffikar tad-droga ravvizat fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni jammonta ghall-*sharing* bejn koppja li fil-prezent wahda minnhom, l-appellanti, hija aflitta minn dizordni mentali u problemi medici ohra li dwarhom qed tircievi kura, kif ukoll tenut l-ammont zghir ta' droga in kwistjoni, tikkundanna lill-appellanta ghal-terminu ta' priguneria ta' tlett (3) xhur mil-lum u ghal hlas ta' multa ta' mitejn euro (€200);

Tikkonfermaha fil-kumplament kompriz allura l-ordni ta' hlas tal-ispejjez peritali, l-modalita' tal-hlas tal-multa u d-distruzzjoni tad-droga ezebita.